**QORT TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT**
**DR. CAROL M. PERALTA LL.D.**

**AWLA 7**

**Illum 26 ta' Novembru 2001.**

**Pulizija**
**Spettur Geoffrey Azzopardi**

**Vs**

**Fabian Sciriha**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Fabian Sciriha ta' 16-il-sena, iben Francis Xavier u Pauline nee' Agius, imwieled Pieta' fil-15 ta' Mejju 1985 u residenti numru 23, Siron, Triq it-Trincetta, Mosta, detentur ta' karta tal-identita' bin-numru 266885M;

Talli fit-23 ta' Ottubru 2001, f'xi hin bejn il-11.00am u l-4.30 pm, fil-Mosta, b'mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh fl-ammont ta' Lm148.34 ghad-detriment ta' Christopher Attard mill-Mellieha u/jew ta' William Massa minn Hal Lija;

U aktar talli fl-istess data, hinijiet, lok u cirkostanzi, bi hsara ta' haddiehor, u cioe' ta' Christopher Attard mill-Mellieha u/jew ta' William Massa minn Hal Lija, ghamel xi qliegh iehor b'qerq.

U aktar talli fl-istess data, hinijiet, lok u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat.

Wara li rat l-Artikoli 166 et tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkonsidrat:

Illi l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat, ma' thalli ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti hlief li ssib lill-imsemmi imputat hati ta' kif akkuzat mill-Prosekuzzjoni.

Fir-rigward tal-piena, din il-Qorti qeghda tillibera lill-imsemmi imputat bil-kondizzjoni li ma' jikkommettix reat iehor fiz-zmien tmintax-il-xahar (18) mil-lum.

Din il-Qorti qeghda wkoll tapponta lil Ms. Marietta Lanzon, sabiex tirraport verbalment kull tlett (3) xhur dwar l-andament u l-progress tal-imputat, ai terminu tal-Artikolu 5 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

MAGISTRAT.